MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Numru. 919/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Shirley Micallef**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 21 ta` Settembru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Shirley Micallef, bint Carmel u Mary Rose xebba Borg, imwielda gewwa Blacktown fl-Awstralja, fil-15 ta` Novembru, 1978, residenti 56, Flat 1, Triq San Patrizju, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita` numru 343289M;

Nhar it-18 ta` Settembru, 2013 ghal habta tal-5.15pm ta` filghaxija minn gewwa hanut tal-gojjellerija sitwat fi Triq Santa Lucija fil-Belt Valletta ikkommetta serq, ikkwalifikat bil-valur, u dan ghad-detriment ta` Jos. Debono Jewellers bi ksur tal-Artikolu 261©, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Naqas milli jhares il-kondizzjonijiet imposti fuqek mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. fid-digriet tieghu datat nhar is-27 ta` Awissu, 2013 u li bih inghatajt il-helsien mill-arrest taht garanziji bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata 11 ta` Lulju, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju ghall-gudizzju datata 23 ta' Dicembru 2013, l-Avukat Generali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fil-konfront ta' Shirley Micallef :

(a) fl-artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 17, 23, 31, 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u ghalhekk iddecieda li taht dak mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali jibghat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ggudikata minn din il-Qorti u ghalhekk baghat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipprocedi skont il-Ligi;

Rat li matul l-udjenza tas-17 ta' Frar 2014 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci f'dan il-kaz u peress li l-imputata ma kienetx assistita mill-avukati taghha din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-21 ta' Frar 2013 f'nofsinhar;

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Frar 2013 f'nofsinhar l-imputata debitament assistita mill-avukati taghha trattaw ir-rikors tal-helsien mill-arrest prezentat u l-kawza giet differita ghas-17 ta' Marzu 2014;

Rat ukoll li matul is-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 il-partijiet trattaw definittivament ir-rikors ghall-helsien mill-arrest tal-imputata u l-kawza giet differita ghall-4 t'April 2014;

Rat li matul is-seduta tal-4 t'April 2014 dehret l-imputata assistita mill-avukat difensur taghha li nforma l-Qorti li d-difiza kienet qed tiddikjara li ma ghandhiex provi x'tipproduci f'dan il-kaz u li din il-kawza tista tithalla ghas-sentenza u l-Qorti ddifferiet din il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostaklu ghal-gimgha 9 ta' Mejju 2014;

Rat li din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li kien ghad jonqos li l-istess Qorti twettaq il-procedura stipulata ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali;

Illi matul is-seduta tad-9 ta' Mejju 2014 il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-prezenza tal-imputata, staqsietha jekk kellhiex oggezzjoni

li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata zmien xieraq biex twiegeb ghal din il-mistoqsija, l-imputata wiegbet li ma' kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process u ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputata stqarret li ma ghandhiex provi x'tipproduci f'dan il-kaz u ghalhekk il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, ghaddiet biex tghati s-sentenza minnufih ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat : -

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata wetqet ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur skont kif kontestat lilha mill-Prosekuzzjoni. Mix-xiehda ta' Liliana Grech, is-salesgirl li kienet qeghda sservi lill-imputata meta din dahlet fil-hanut tad-deheb de quo, mhux biss identifikat lill-imputata, izda wkoll iddeskriviet b'mod car id-dinamika ta' kif l-imputata irnexxielha, b'teknika tassew efficjenti tiehu taht ghajnejhaerba' crieket tad-deheb tat-18 il-karat. L-imputata kienet hafifa hafna fil-manuvra taghha li tahtaf dawn ic-crieket quddiem ghajnejn l-istess Grech waqt li din kienet qeghda taqdiha. Dan il-fatt juri certu professjonalita da parti tal-imputata, karatteristika ta' min mhux novizz ghal dan il-qasam ta' kriminalita. Biss f'mument minnhom Grech intebhet bil-manuvra li kienet qeghda tintraprendi l-imputata li tiehu dawn ic-crieket u kkonfrontata b'dan il-fatt li kienu naqsulha c-crieket u li dak il-hin kien hemm biss ix-xhud u l-imputata prezenti. Ghalkemm ghall-ewwel l-imputata m'ammettietx li hadet dawn ic-crieket, wara kienet hi stess li rritornat dawk iz-zewgt crieket li kienu f'idejha lura lil Grech u wara ftit harget it-tnejn l-ohra li kienet hadet precedentement.

Apparti minn hekk, l-intenzjoni tal-imputata tohrog ukoll b'mod car mill-istqarrija taghha li rrilaxxjat lill-Pulizija u li tinsab a fol 16 et. A fol 17 matul l-interrogatorju l-imputata stqarret is-segwenti : -

> M : Mela naqblu li l-intensjoni tieghek kienet li tidhol u tara x'tista tisraq?
>
> T : hekk kien l-iskop, ifhem".

Aktar l-isfel jinghad ukoll hekk : -

> M : Ic-crieket li kont ser tiehu minghand Debono fil-Belt x'kont ser taghmel bihom?
>
> T : Biex inbiehom ghad-droga".

Din l-istqarrija tkompli titfa dawl aktar car fuq l-intenzjoni preciza tal-imputata meta hadet dawn ic-crieket minghand il-Gojjellerija Debono.

Din il-Qorti tabbraccja t-teorija klassika tas-serq kif adottata minn dawn il-Qrati u fil-fehma taghha, l-elementi kollha ta' dan ir-reat tas-serq anke skont l-istess teorija huma pjenament soddisfatti.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti rat li l-prosekuzzjoni prezentat kopja vera tad-digriet moghti minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dottor Ian Farrugia datat 27 t'Awissu 2013 minn fejn jirrizulta car li l-helsien mill-arrest kien gie koncess lill-imputata f'dawk il-proceduri taht il-kundizzjoni numru 4 fis-sens li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest. Apparti dan id-digriet, l-Ispettur inkarigat minn dak il-kaz, Fabian Fleri ikkonferma, a fol 71 li verament kien hemm dawn il-proceduri nonche li l-kundizzjonijiet de quo kienu gew mahruga fil-konfront tal-istess imputata, identifikata pozittivament fl-awla. Il-fatti imputati fl-ewwel imputazzjoni gew maghmula tnejn u ghoxrin jum biss wara l-ghoti ta' dan id-digriet. Kif intqal aktar il-fuq, din il-Qorti tqis li dawn il-fatti gew soddisfacentement ippruvati bhal ma gie pruvat ir-reat skaturit minnhom. Ghalhekk l-imputata sejra tigi wkoll misjuba hatja ta' din it-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti tqis li dan il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huma partikolarment serji ghaliex il-ksur kien jikkonsisti precizament fil-kommissjoni ta' reati volontarji ohrajn ftit jiem biss wara li kienet inhelset mill-arrest in konnessjoni ma kommissjoni ta' reati ohra! Dan juri bic-car li l-imputata ma impurtaha xejn minn dak li l-Qorti kienet wissietha. Del resto, kif jirrizulta mill-fedina penali taghha, donnha l-anqas trid tifhem il-konsegwenzi ta' ghemilha u ghazlet liberament li tinjora l-ordni tal-Qorti moghtija lilha. Dan il-ksur ghalhekk ma jistax ma jigix sanzjonat.

Dwar it-tielet imputazzjoni, dil-Qorti rat ukoll li l-prosekuzzjoni prezentat kopja vera ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dottor Audrey Demicoli datata 11 ta' Lulju 2012 minn fejn jirrizultaw l-istess konnotati tal-imputata. Appart minn hekk gie wkoll prodott l-Ispettur Tony Cachia li a fol 89 ikkonferma wkoll l-identita tal-imputata nonche tas-sentenza de quo precedentement moghtija kontriha.

Anke hawn din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni giet soddifacentement pruvata. Anke hawn il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-imputata hliet okkazjoni tad-deheb li kienet giet moghtija minn dik il-Qorti biex tirriabilita ruhha. F'dan il-kaz l-imputata stqarret fl-istqarrija taghha li riedet l-ghajnuna biex taghleb il-vizju tad-droga. Kif jidher mill-fedina penali taghha u mis-sentenzi ezibiti f'dan il-kaz, dawn il-Qrati tawha fuq li tawha opportunitajiet tad-deheb biex tqum fuq saqajha u tirrijabilita ruhha.

Din il-Qorti hadet konsiderazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Farrugia" datata 18 ta' Jannar 2001 fejn dik il-Qorti kienet innutat li anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hija recidiva, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-

persuna "a window of opportunity" li permezz taghha ikun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. F'dan il-kaz, l-imputata, plurirecidiva *inter alia* fid-delitt ta' serq, dejjem ibbenefikat minn pieni alternattivi ghal dik ta' prigunerija. Izda huwa evidenti li ma kienetx kapaci li tiehu l-opportunitajiet diversi li dawn il-Qrati tawha. Ma hux aktar possibbli ghal din il-Qorti li tevita lill-imputata l-konsegwenzi tal-ksur tal-probation order moghti lilha kif imputat.

Anzi irid jigi rimarkat li fis-sentenza hawn fuq imsemmija, dik il-Qorti kienet diga rinfaccjata b'imputazzjoni ta' ksur ta' probation order moghti lill-imputata b'sentenza tal-24 ta' Novembru 2009 u minkejja dan, xorta wahda ghazlet li taghti l-opportunita ta' combination order. U minkejja dan, l-imputata xorta regghet ghazlet li tiddelinkwi u b'hekk kisret l-ordni tal-probation il-gdida moghtija lilha bis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2012. Din l-azzjoni tal-imputata issa torbot idejn din il-Qorti u ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti sejra titratta mal-hatja ghar-reat li dwar kienet instabet hatja b'dik is-sentenza daqslikieku ghadha kif giet misjuba hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat; benintiz pero li sejra ggib fis-sehh biss is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2012.

**Decide : -**

Ghaldaqstant din il-Qorti, in bazi ghal dak kollu mistqarr aktar il-fuq wara li **rat l-Artikoli** citati mill-Avukat Generali u cioe fl-artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 23, 31, 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib u tiddikjara lil Shirley Micallef, recidiva f'delitti, **hatja** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u **tikkundannaha** : -

(a) kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni ghall-piena ta' tminn (8) xhur prigunerija; inoltre tordna li l-ammont t'elfejn euro (E2000) stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta
(b) kwantu ghat-tielet imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation moghtija lilha permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-11 ta' Lulju 2012 u ghalhekk qeghda tittratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kienet tpoggiet taht l-ordni tal-probation daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonfermaha hatja fir-rigward tal-

imsemmija imputazzjonijiet, thassar l-ordni tal-probation maghmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 u 267 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmija Shirley Micallef ghal-perjodu ulterjuri ta' sebgha (7) xhur prigunerija. Ghall-kull buon fini qieghed jigi wkoll iddikjarat li l-Qorti mhix qeghda tittratta mal-hatja ghall-ksur tal-probation skont kif kien gie imputat lilha fir-rigward tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2009.

Ghal fini ta' kjarezza ghalhekk il-hatja qeghda tigi kkundannata ghal piena ta' komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar pringunerija.

Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Generali taht l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti, stante li fil-kaz odjern ma gie nominat l-ebda espert.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandha l-hatja ta' abbuz ta' droga, jehtieg li tinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema u fid-dawl tal-istqarrija tal-hatja li tixtieq tinghata l-ghajnuna sabiex teghleb b'success il-vizzju tal-abbuz mid-droga, qeghda tqieghed lill-hatja Shirley Micallef taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali u dan bil-ghan li eventwalment ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex teghleb il-kondizzjonijiet mentali u psikologici li tidher afflitta minnhom l-imputata, b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-istess Shirley Micallef titqieghed taht il-kura ta' Psikologu **u** Psikjatra indikati lilha mid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, li ghandhom ikollhom dawk is-setghat kollha mehtiega sabiex iwetqu din l-Ordni ta' din il-Qorti, nonche li jaghmlu dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hatja Shirley Micallef nonche jippreskrivu dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Shirley Micallef teghleb b'success il-kondizzjonijiet psikologici li tidher afflitta minnhom nonche l-abbuz mill-vizzju tad-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma` din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikoli 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill-Shirley Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------